MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 58/2011

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta’ Settembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li n-nuqqas ta’ dritt għall-preżenza ta’ avukat waqt li kien qed jiġi intervistat mill-Pulizija u n-nuqqas ta’ l-istess Pulizija li tgħarrfu bil-jedd li jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ħalla stqarrija ġabulu ksur tal-jedd tiegħu imħares bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta u tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; u (ii) li tagħtih ir-rimedju xieraq u partikolarment billi tħassar il-proċeduri kriminali kollha meħudin kontrih u li wasslu għas-sejbien ta’ ħtija tiegħu u l-kundanna għall-piena mogħtija. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Settembru, 2011, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tad-29 ta’ Settembru, 2011, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-20 ta’ Settembru, 2011, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalu li l-Ministru intimat ma kellux ikun fil-kawża għaliex skond l-artikolu 180B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, kien biżżejjed li għall-allegazzjonijiet tar-rikorrent iwieġeb il-Kummissarju tal-Pulizija, u billi, f’kull każ, fil-kawża ddaħħal ukoll l-Avukat Ġenerali. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur tal-jeddijiet tiegħu la taħt l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni u lanqas taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ladarba, kif jistqarr l-istess rikorrent, kien ingħata t-twissija mill-Pulizija qabel beda jagħtihom l-istqarrija tiegħu. Jgħidu li l-każ imsemmi minnu biex isaħħaħ l-ilment tiegħu[1] ma jgħodd xejn għall-każ tar-rikorrent minħabba d-differenza bejn iċ-ċirkostanzi ta’ dak il-każ mill-każ tiegħu. Temmew jgħidu li, ladarba l-każ kriminali kontra r-rikorrent illum huwa ġudikat, ir-rimedju li jista’ jingħata jekk kemm-il darba tassew jinstab li kellu ksur tal-jedd fundamentali msemmi m’huwiex dak “sproporzjonat, esaġerat u inġust” tat-tħassir tal-proċeduri u s-sentenzi mogħtija, iżda l-għoti ta’ kumpens fi flus;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta’ Settembru, 2011[2], li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent biex jinġiebu quddiemha l-atti tal-Att tal-Akkuża 15 tal-2007 relattivi għall-istess rikorrent;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Mejju, 2012[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u, fuq talba tagħhom, tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fl-14 ta’ Settembru, 2012[4];

---

[1] Q.E.D.B. **11.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Panovits vs Ċipru*** (Applik. Nru. 4268/04)
[2] Paġ. 12 tal-proċess
[3] Paġ. 37 tal-proċess
[4] Paġġ. 40 – 51 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fl-14 ta' Novembru, 2012[5], bi tweġiba għal dik tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-intimati;

Rat l-atti kollha tal-kawża, u wkoll dawk tal-Att tal-Akkuża 15 tal-2007 safejn rilevanti għall-każ tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża saret għaliex ir-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni) u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") bil-fatt li stqarrija li huwa ta lill-Pulizija f'Settembru tal-2005, bla ma kien mgħejjun minn avukat qabel u hu u jagħmilha (u lanqas saritlu offerta f'dak is-sens), tressqet bi prova tal-Prosekuzzjoni fl-atti tal-Att tal-Akkuża li tmexxew kontrih quddiem il-Qorti Kriminali u li wasslu għas-sejbien tiegħu ta' ħtija minn ġurija u l-konferma ta' dak is-sejbien mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi l-intimati jwarrbu l-ilment tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, jgħidu li l-Ministru intimat ma messux tħarrek f'din il-kawża. Fil-mertu jisħqu li ma jeżisti l-ebda jedd fundamentali li wieħed ikun mgħejjun minn avukat waqt li jkun interrogat mill-Pulizija, iżda biss dritt li wieħed ikollu smigħ xieraq meta jkun mixli b'reat kriminali. Jekk kemm-il darba persuna ma tkunx mgħejjuna minn avukat waqt

[5] Paġġ. 54 – 8 tal-proċess

interrogazzjoni, dan waħdu ma jġibx il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u kull każ jistħoqqlu jkun eżaminat skond iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u fil-qafas tal-proċediment sħiħ. Iżidu jgħidu f'kull każ, ir-rikorrent fl-ebda waqt ma kien imġiegħel jagħmel l-istqarrija li ta lill-Pulizija, u saħansitra kien imwissi minn qabel li sata' ma jitkellimx u li dak li kien ser jgħid sata' jinġab bi prova kontrih u r-rikorrent deher li fehem din it-twissija. Temmew jgħidu li, ladarba l-każ kriminali kontra r-rikorrent illum huwa ġudikat, ir-rimedju li jista' jingħata jekk kemm-il darba tassew jinstab li kellu ksur tal-jedd fundamentali msemmi m'huwiex dak "sproporzjonat, esaġerat u inġust" tat-tħassir tal-proċeduri u s-sentenzi mogħtija, iżda l-għoti ta' kumpens fi flus;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fl-24 ta' Settembru, 2005, miet fl-Isptar San Luqa wieħed David Spiteri b'effetti ta' *ovedose* ta' droga erojina u kalmanti, wara li kien instab mitluf minn sensih minn ommu f'kamartu. Ir-rikorrent kien kuġinuh, iżda r-rikorrent kien jgħix mal-familja tal-kuġin fid-dar tagħhom f'numru disgħa (9), Fuq Verdala, Bormla fejn Spiteri kien instab mixħut għal tulu fl-art. Dak iż-żmien, ir-rikorrent kellu wieħed u tletin (31) sena[6]. David Spiteri kien skonta sentenza ta' għaxar (10) snin ħabs ftit żmien qabel ma miet. Ir-rikorrent kien qiegħed jipprova joħroġ mill-vizzju tad-droga u kien dipendenti fuqha[7];

Illi dak inhar tal-mewt ta' Spiteri, l-Pulizija għamlet tiftix f'kamret il-mejjet u bdiet titħasseb dwar sehem ir-rikorrent f'dak li kien ġara. Wara li nstabu xi affarijiet fil-kamra li r-rikorrent kien jokkupa fid-dar fejn seħħ l-inċident, il-Pulizija bdiet tqisu bħala persuna li kellha s-suspetti dwaru[8]. Hija bagħtet għar-rikorrent biex imur ikellimha fid-Depot. Ir-rikorrent mar waħdu u hu u dieħel ra hemm lil ħu l-mejjet;

[6] Twieled fl-24.1.1975 (Dok "Ċ", f'paġ. 5 tal-atti tal-Kumpilazzjoni 852/05)
[7] Affidavit tiegħu f'paġ. 14 tal-proċess
[8] Xhieda tal-Isp. Pierre Grech 2.5.2012, f'paġ. 28 tal-proċess

Illi r-rikorrent wasal id-Depot tard wara nofsinhar ta' dak inhar stess. Għall-ħabta tal-10.30 ta' dak inhar, wara li ngħata t-twissija, ta lill-Pulizija l-istqarrija tiegħu li ntemmet xi siegħa u nofs wara li bdiet[9]. Ir-rikorrent għażel li ma jiffirmahiex. Aktar tard filgħaxija, u waqt li kien għadu miżmum fid-Depot, r-rikorrent deher quddiem il-Maġistrat li kien qed imexxi l-inkjesta u tenna taħt ġurament il-kontenut tal-istqarrija li kien ta lill-Pulizija aktar qabel u iffirma l-istess stqarrija quddiem l-imsemmi Maġistrat u d-dikjarazzjoni maħlufa[10];

Illi fis-26 ta' Settembru, 2005, r-rikorrent tressaq b'arrest mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixli bi traffikar ta' droga, bil-qtil involontarju ta' kuġinuh, b'pussess kontra l-liġi ta' droga, u li wettaq dawk ir-reati f'distanza ta' mitt metru minn inħawi partikolari fejn jinġabru ż-żgħażagħ[11]. Sa mill-bidu li tressaq, kien mgħejjun minn żewġ (2) avukati tal-għażla tiegħu li, wara l-qari tal-akkuża, wieġbu li l-klijent tagħhom ma kienx ħati tal-akkużi mressqa kontrih. B'degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Ottubru, 2005, ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt liberta' proviżorja u bil-kundizzjonijiet hemm imfissra[12];

Illi wara s-smigħ tal-kumpilazzjoni, fis-7 ta' Ottubru, 2005[13] wkoll, dik il-Qorti sabet li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed fil-liġi biex ir-rikorrent jitqiegħed taħt Att tal-Akkuża. Wara għadd ta' rinviji, l-Qorti Istruttorja għalqet l-inkartament fit-23 ta' Jannar tal-2007 u bagħtitu lill-intimat Avukat Ġenerali;

Illi fil-15 ta' Frar, 2007, l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att tal-Akkuża Numru 15 tal-2007[14]. L-Att kien fih tliet (3) Kapi ta' Akkuża u jiġifieri li (a) forna jew ipprokura jew offra li

[9] Dok "1", f'paġġ. 25 – 7 tal-atti tal-Kumpilazzjoni 852/05)
[10] Ara paġġ 67 sa 82 tal-Atti tal-Kumpilazzjoni 852/05
[11] Paġġ. 1 – 2 tal-Att tal-Kumpilazzjoni Nru. 852/05
[12] Paġġ. 54 – 7 tal-Atti tal-Kumpilazzjoni 852/05
[13] Paġ. 58 tal-Atti tal-Kumpilazzjoni 852/05
[14] Paġġ. 1 – 4 tal-Att tal-Akkuża 15/2007

jforni jew li jipprokura d-droga erojina kontra l-liġi; (b) li kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina kontra l-liġi; u li (ċ) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' David Spiteri. Il-ġuri tqiegħed għas-smigħ għas-27 ta' Ottubru, 2008[15]. Dak inhar tal-ewwel smigħ, l-avukat difensur tar-rikorrent indika li l-kawża kienet se' tkun kontestata[16]. B'degriet mogħti fit-23 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Kriminali qiegħdet il-kawża għas-smigħ għall-1 ta' Ġunju, 2009;

Illi waqt il-ġuri, r-rikorrent (akkużat) xehed u ta verżjoni differenti minn dik li kien ta fl-istqarrija tiegħu[17]. Waqt il-ġuri r-rikorrent kien mgħejjun minn avukat tal-għażla tiegħu, għalkemm fl-24 ta' April, 2009[18], l-avukati ta' fiduċja tiegħu irrinunzjaw għall-patroċinju. Jumejn wara, l-Qorti Kriminali ordnat li jinħatar avukat għall-Għajnuna Legali għar-rikorrent (akkużat)[19]. B'rikors imressaq fil-15 ta' Mejju, 2009[20], ir-rikorrent talab li jitneħħew mill-atti tal-kawża biċċiet mill-istqarrija li huwa ta. Il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba b'degriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2009[21]. Waqt is-smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2009, il-Prosekuzzjoni talbet li titqassam lill-ġurati kopja tal-istqarrija tal-akkużat u kif ukoll tax-xhieda li l-akkużat ta lill-Maġistrat Inkwirenti, u d-difiża ma opponietx għat-talbiet[22];

Illi matul is-smigħ tal-ġuri, xehdu ħdax-il (11) ruħ, minbarra l-akkużat. Il-ġuri ntemm b'sejbien ta' ħtija tar-rikorrent dwar it-tliet Kapi tal-Att tal-Akkuża. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Ġunju, 2009, r-rikorrent ngħata piena ta' seba' (7) snin ħabs li minnhom ried jinqata' ż-żmien li kien inżamm taħt arrest preventiv, u wkoll ikkundannat iħallas multa ta' tlitt elef euro (€ 3,000) li kellhom jinbidlu f'sitt (6) xhur ħabs jekk kemm-il darba r-

[15] Paġġ. 9 – 10 tal-Att tal-Akkuża 15/2007
[16] Paġ. 16 tal-Att tal-Akkuża 15/2007
[17] Xhieda tiegħu 2.5.2012, f'paġ. 25 tal-proċess
[18] Paġ 20 tal-Att tal-Akkuża 15/2007
[19] Paġ. 21 tal-Att tal-Akkuża 15/2007
[20] Paġ. 22 tal-Att tal-Akkuża 15/2007
[21] Paġ. 25 tal-Att tal-Akkuża 15/2007
[22] Paġġ. 38 – 9 tal-Att tal-Akkuża 15/2007

rikorrent jonqos li jħallasha u kif ukoll li jħallas l-ispejjeż tal-perizji[23];

Illi fit-18 ta' Ġunju, 2009, ir-rikorrent appella mill-imsemmija sentenza għal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lil dik il-Qorti tibdel is-sentenza li kienet ingħatat kontrih billi, tikkonfermaha safejn kien instab ħati tat-Tieni Kap tal-Akkuża u tħassarha safejn instab ħati taż-żewġ Kapi tal-Akkuża l-oħrajn u, f'każ li ma ssibx li tilqa' t-talba tiegħu biex tħassar il-ħtija, tibdel il-piena li kienet ingħatatlu għal waħda aktar xierqa. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar, 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata;

Illi fl-14 ta' Settembru, 2011, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza din il-Qorti tibda biex tgħid li l-ilment imressaq mir-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd fundamentali allegat minnu jirrigwarda n-nuqqas tad-"dritt għal preżenza ta' avukat waqt l-interrogatorju u n-nuqqas li jiġi infurmat li kellu dritt għal tali assistenza". Dan qiegħed jingħad għaliex, aktar 'il quddiem, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu (li, minkejja l-ordni tal-Qorti, huwa ressaq ħafna żmien wara li kienu ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom l-intimati) jidher li ried iwessa' u jifrex aktar il-mira tal-ilment tiegħu billi qal li "n-natura ta' l-azzjoni mhix ġejja mill-fatt li ma ngħatax assistenza legali qabel l-interrogazzjoni tar-rikorrent, iżda stante illi dik l-istqarrija kienet difettuża minħabba n-nuqqas ta' offerta ta' assistenza ta' avukat ingħatat lill-ġurati waqt il-ġuri tar-rikorrenti u l-imħallef li kien qed jippresjedi tali ġuri naqas milli jagħti struzzjonijiet ċari dwar dik l-istqarrija". Il-Qorti trid toqgħod biss ma' dak li jissemma u jintalab fir-rikors promotur u tqis l-ilment kif, fil-fatt, magħmul. M'huwiex sewwa li, wara li l-kawża tkun trattata u dibattuta, l-parti żżid il-firxa tal-ilmenti tagħha

[23] Paġġ. 134 sa 141 tal-Att tal-Akkuża 15/2007

b'sottomissjonijiet ġodda fin-Nota tagħha lil hinn minn dak li jkun intalab minnha sa mill-bidu fl-atti u bla ma l-parti l-oħra tkun ingħatat l-opportunita' li tirribatti dawk l-allegazzjonijiet;

Illi l-Qorti sejra tqis issa l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati li trid li l-Ministru intimat jitqies li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Illi għalkemm l-ebda parti ma ressqet sottomissjonijiet dwarha, ladarba l-intimati baqgħu ma rtirawx l-eċċezzjoni, l-Qorti trid tiddeċidiha;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[24]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f'din il-kawża, wieħed isib li, bi tħaddim ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-ilment tiegħu ma għandu jwieġeb xejn il-Ministru intimat u lanqas huwa mistenni li jagħtih rimedju mqar kieku t-talbiet attriċi kellhom jintlaqgħu. Kif jgħidu

[24] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

tajjeb l-intimati fit-Tweġiba tagħhom, il-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali bħala intimati f'din il-kawża hija biżżejjed biex il-ġudizzju jkun sħiħ għall-finijiet ta' leġittimazzjoni passiva f'din l-azzjoni;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tqis **l-ilment tar-rikorrent fil-mertu**. Kif ingħad, dan l-ilment jissawwar kemm fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artiklu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jirrimarkaw li r-rikorrent ma jsemmix taħt liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-Kostituzzjoni jqiegħed il-każ tiegħu. Fil-fatt, ir-rikorrent lanqas fis-sottomissjonijiet tal-għeluq imressqa minnu ma jsemmi xejn dwar l-artikolu 39, iżda joqgħod biss fuq l-artikolu tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tifhem x'setgħet kienet ir-raġuni għal dan, u sejra tqisu aktar 'il quddiem fis-sentenza tagħha, ladarba dik il-kawżali kienet ukoll waħda mit-tnejn dedotti mir-rikorrent fir-rikors promotur u li baqa' ma irrinunzjax għaliha formalment sallum;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma*

*għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[25] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[26];

Illi fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrent kien imqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkuża magħmula kontrih. Wieħed jista' jgħid li l-istqarrija nqdiet biha l-Prosekuzzjoni matul il-ġuri u għalhekk dan iġib l-ilment sewwasew fl-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Iżda l-Qorti terġa' tisħaq li t-talba tar-rikorrent ma tirrigwardax is-siwi tal-proċess kriminali u kif tmexxa l-ġuri, iżda l-fatt li l-istqarrija tiegħu ttieħdet bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li r-rikorrent jew id-difensuri tiegħu f'ebda waqt tal-proċediment meħud kontrih fil-qrati ta' kompetenza kriminali ma qanqlu xi lment dwar l-użu tal-istqarrija bħala prova f'dawk il-proċeduri. Mhux hekk biss, iżda minkejja li ntalbet it-tneħħija ta' partijiet minnha (li b'loġika jfisser li ma kienx hemm talba għat-tneħħija tal-partijiet l-oħra), lanqas kien hemm oġġezzjoni mid-difensur waqt il-ġuri meta l-Prosekuzzjoni talbet li l-ġurati jingħataw kopja tal-istess stqarrija;

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li r-rikorrent ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

---

[25] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[26] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien ma' l-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[27];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ

[27] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u> (4th Edit, 2006), paġ. 631

proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment[28], ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha;

Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' għajnuna ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd[29]. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin"[30] jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat[31]. F'dan ir-rigward ingħad li "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[32];

Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorita' pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla Qorti tagħna m'ilux u din il-Qorti ma

[28] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Svizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) § 36
[29] Q.E.D.B. (GC) **27.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Salduz vs Turkija*** (Applik. Nru. 36391/02) § 55 li qalbet is-sentenza mogħtija mit-Tieni Sezzjoni fl-**26.4.2007** li ma kinitx sabet ksur tal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni
[30] Q.E.D.B. (GC) **25.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 18731/91) § 63
[31] Q.E.D.B. **23.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Yoldas vs Turkija*** (Applik. Nru. 27503/04) § 51
[32] Q.E.D.B. **15.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Paskal vs Ukrajina*** (Applik. Nru. 24652/04) §76

jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relativa[33];

Illi dik l-istess sentenza ssemmi wkoll liema huma ċ-ċirkostanzi gravi w eċċezzjonali li fihom wieħed jista' jiċċaħħad milli jkun mgħejjun minn avukat qabel ma jħalli stqarrija bla ma jkun hemm ksur tal-artikolu 6. Magħhom, wieħed iżid ukoll il-każ fejn persuna tkun għażlet li tirreġistra ammissjoni tal-akkużi mressqin kontra tagħha u tħalli l-proċess kollu għaddej bla ma tqanqal ilment dwar it-teħid tal-istqarrija bla għajnuna legali[34]. Jidher li tqajjem dubju wkoll kemm jgħodd l-effett tas-sentenza f'*Salduz* dwar intervisti u dikjarazzjonijiet magħmulin minn persuna quddiem uffiċjali tal-pulizija qabel ma persuna bħal dik tkun għadha suspettata u meħuda taħt il-kustodja tal-istess Pulizija[35];

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li, dan l-aħħar, l-ogħla Qorti Maltija tat fehmiet tagħha dwar il-kwestjoni li bħalha din il-Qorti għandha quddiemha llum, u dan billi, filwaqt li tenniet is-siwi u l-ħtieġa tal-għoti tal-jedd lil kull persuna suspettata li wettqet reat li tingħata l-fakulta' li tikkonsulta avukat tal-fiduċja tagħha qabel ma titlaq stqarrija lill-Pulizija, in-nuqqas ta' dan il-jedd ma jissarrafx waħdu fi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq ta' dik il-persuna. Fl-istħarriġ tagħha tal-qofol tal-kwestjoni dwar ir-rabta tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-fatt li persuna ma tkunx ingħatat li tinqeda bl-għajnuna ta' avukat qabel u waqt li tagħti stqarrija, dik il-Qorti qalet li "*ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita', tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa,*

[33] Kost. **12.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Victor Aquilina) vs Mark Lombardi***
[34] P.A. Kost TM **14.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Xuereb vs L-Avukat Ġenerali*** (kofermata mill-Qorti Kostituzzjonali **28.6.2012**)
[35] Supreme Court (U.K.) **6.10.2011** fil-kawża ***Ambrose vs Harris (Procurator Fiscal) et*** UKSC 43 (2011) li jidher li tibdel il-fehma meħuda mill-istess imsemmija Qorti fil-kawża ***Cadder vs HM Advocate*** UKSC 43 (2010)

*min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mil-liġi li jikkonsulta ma' avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja. ... Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur sine qua non għal smigħ xieraq."*[36] Dik il-Qorti fiehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħalqu xi kejl assolut dwar dan. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, l-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li biha ħasset li tkun qiegħda tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas xieraq tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Illi, għalhekk, dik il-Qorti sabet li fejn il-liġi nazzjonali tkun tagħti ħarsien lill-parti investigata jew akkużata ta' prinċipji li wieħed jorbot ma' jeddijiet ewlenin mogħtija lill-persuna mixlija, il-ħtieġa li dik il-persuna tkun mgħejjuna minn avukat waqt l-interrogazzjoni tagħha ma jibqax daqshekk impellenti fuq is-siwi ta' stqarrija magħmula f'ċirkostanzi bħal dawk. Kemm hu hekk, il-Qorti Kostituzzjonali ssoktat

---

[36] Kost. **8.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***

tgħid li "*Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet. ... Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa ... F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta'* ***Paskal v. l-Ukrajna***[37]*: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed". Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta' sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament*"[38]. Wara li qieset ċirkostanzi oħrajn li kienu jgħoddu għal dak il-każ, il-Qorti sabet li ma kienx seħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

---

[37] Q.E.D.B. **15.9.2011** (Applik. Nru. 24652/04) § 78
[38] Kost. **8.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***

Illi fi żvilupp ieħor li seħħ f'dan ir-rigward, l-istess Qorti Kostituzzjonali sabet li fejn dawk il-garanziji l-oħra ma jkunux tħarsu[39], iċ-ċaħda li persuna tkun mgħejjuna minn avukat waqt l-interrogatorju u qabel ma tagħti stqarrija kienet determinanti biex wieħed iqis jekk dik il-persuna ġarrbitx ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq[40];

Illi din il-Qorti għażlet li ssemmi u tislet mill-imsemmija żewġ sentenzi għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, għaliex issib li ż-żewġ sentenzi jindirizzaw iċ-ċirkostanzi tal-każ li din il-Qorti għandha quddiemha llum. Fit-tieni lok, għaliex issib li dawk iż-żewġ sentenzi jagħtu l-iżjed tifsira riċenti daqskemm awtorevoli fil-qafas tal-ordinament ġuridiku Malti kemm għall-effetti tas-sentenza ***Salduz*** u kif ukoll tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq kif applikat taħt il-liġijiet tagħna;

Illi r-rikorrent jgħid[41] li l-istqarrija li hu ta lill-Pulizija ma messha qatt tħalliet titressaq fil-proċedimenti kriminali li huwa għadda minnhom. Minbarra li jgħid li dak inhar li ntalab jagħtiha kien taħt xokk qawwi bil-mewt ta' kuġinuh li miegħu kellu rabta mill-qalb, huwa jqis ukoll li l-fatt li kien huwa nnifsu taħt effetti ta' medikamenti (u dak iż-żmien ukoll dipendenti fuq id-droga), u nżamm fid-Depot bla ma ngħata l-opportunita' li jimmedika ruħu, ġagħluh jgħid kulma kien suġġerit lilu mbasta jeħles minn dak l-ambjent. Semma wkoll il-fatt li għalih kienet l-ewwel esperjenza f'ħajtu li jkun interrogat u li m'huwiex xi kriminal "tal-karriera". Iżid jgħid li l-istqarrija ma fihiex kulma qal u li kien ikkonfermaha għaliex beża' li, jekk ma jagħmilx hekk, jinżamm arrestat. L-Ispettur Grech jiċħad li ħalla barra mill-istqarrija xi kliem, tagħrif jew ħaġa rilevanti li r-rikorrent semma jew li hedded lir-rikorrent b'xi mod jew wegħidu xi benefiċċju biex iġagħlu jagħmel l-istqarrija;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati argumentaw li n-nuqqas tal-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni ma jġibx ksur awtomatiku tal-jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

[39] F'dak il-każ kien ħareġ li l-akkużat ma kienx ingħata t-twissija li sata' ma jweġibx qabel ma ta l-istqarrija lill-Pulizija
[40] Kost. **12.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri***
[41] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 56 tal-proċess

u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni; li l-istqarrija ma kenitx il-prova waħdanija li nġabet kontra r-rikorrent u li dwarha nstab jew sata’ jinstab ħati minn ġurija raġonevoli; li r-rikorrent naqas li jqajjem l-ilment f’ħin u waqt xierqa matul il-proċedimenti nfushom, iżda kien biss bosta xhur wara li l-każ tiegħu sar ġudikat li twebbel jilmenta fuq il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu meta, sa dak iż-żmien, kienu magħrufa l-iżviluppi ġurisprudenzjali li fuqhom illum ħafna jsejsu lment bħal tiegħu; u l-fatt li l-każ tar-rikorrent jikkostitwixxi *res judicata* u ma jistax jerġa’ jinfetaħ taħt l-iskuża ta’ ksur ta’ jedd fundamentali;

Illi l-Qorti ssib li, b’żieda għamlet hi u tistħarreġ l-ilment□ma’ xi osservazzjonijiet li hija diġa tar-rikorrent taħt il-kejl tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fl-ewwel lok ħareġ ċar li r-rikorrent għamel l-istqarrija minn rajh u li ma kienx imġiegħel jagħmilha u lanqas wera li kien mhedded b’xi mod. Fit-tieni lok, jidher ċar li kien jaf u jifhem sewwa l-mistoqsijiet li kienu qegħdin isirulu għaliex mill-għamla ta’ tweġiba li beda jagħti għal kull waħda kien qiegħed juri sewwa li kien jaf safejn għandu jwieġeb u ma jwaqqax il-ġebla fuq saqajh. Fit-tielet lok hemm il-fatt li, minkejja l-insistenza għal aktar minn darba min-naħa tal-Maġistrat inkwirenti, r-rikorrent kien f’qagħda li ma jiġbed lura xejn mill-istqarrija li kien ta, meta l-istess Maġistrat kien fela miegħu biċċa biċċa dik l-istqarrija. Fir-raba’ lok, l-eta’ tar-rikorrent fiż-żmien rilevanti ma kenitx waħda li tista’ titqies delikata jew żgħira u, sa qabel dak inhar, lanqas ma jista’ jgħid li ma kienx ħabat difru mal-liġi u jaf x’inhuma r-riperkussjonijiet tar-reat jew ta’ proċediment kriminali. Fil-ħames lok, l-istqarrija ma kenitx il-prova waħdanija li l-Prosekuzzjoni ressqet fil-każ tal-akkużat u li fuqha straħet biex mexxiet il-każ tagħha. Għall-kuntrarju, l-Ispettur Grech xehed[42], li waqt konfront matul il-ġuri kien saħansitra miera xhud li x-xiehda tiegħu kienet tgħarraq il-każ tar-rikorrent. Fis-sitt lok, hemm ukoll iċ-ċirkostanza li r-rikorrent xehed fil-ġuri tiegħu u tenna verżjoni li kienet twaqqa’ dak li qal fl-istqarrija, madankollu l-ġurati ma qagħdux fuq ix-xhieda tiegħu. Dan juri li r-rikorrent, bla ma kien imġiegħel jagħmel dan, inqeda bil-mezzi li tagħtih

[42] Xhieda tiegħu f’paġ. 35 tal-proċess

il-liġi biex dak li sata' jqis li għamillu ħsara fl-istqarrija tiegħu jipprova jneħħih. Fis-seba' lok, fiż-żmien li ngħatat l-istqarrija, ma kien hemm l-ebda liġi fis-seħħ li tipprovdi għall-jedd ta' persuna arrestata li tkun mgħejjuna minn avukat. Fit-tmien lok, kif sewwa jgħidu l-intimati, l-kwestjoni tan-nuqqas ta' għajnuna minn avukat trid ukoll titqies fil-qafas tal-proċediment kollu[43]. Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tgħid kif ir-rikorrent qatt ma qanqal il-kwestjoni tal-illegalita' tal-istqarrija tiegħu fl-ebda waqt tal-proċeduri, lanqas imqar fl-istadju tal-appell[44]. Fid-disa' lok, is-sejbien ta' ħtija kien, sa ċertu punt, aċċettat ukoll mir-rikorrent, għaliex meta appella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, ma kienx appella mis-sejbien ta' ħtija taħt it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża. Din il-qagħda hija anomala u f'konflitt mal-allegazzjoni li l-proċediment huwa mtabba' minħabba l-mod kif ittieħdet l-istqarrija;

Illi b'żieda ma' dan kollu hemm l-argument jekk l-ilment tar-rikorrent imissux jintlaqa' ladarba l-proċediment kontrih ingħalaq b'sentenza li llum hija ġudikat. Il-Qorti hija tal-fehma li l-allegazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali hija ħaġa serja li titlob stħarriġ serju. Daqstant ieħor titlob li l-allegazzjoni ma tkunx waħda fiergħa jew sempliċement tentativ aħħari ta' proċedura *in extremis* wara li jkunu ntemmu l-proċeduri kollha. Daqstant ieħor huwa ta' siwi għall-ordinament ġuridiku l-ġudikat, u ma jixraq li jsir xejn li jdgħajjef l-istabilita' li tinħalaq bil-ġudikati. Huwa biss meta l-allegat ksur ta' jedd fundamentali jolqot il-qalba tal-proċediment u l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat li r-rispett għall-ħarsien tal-jedd fundamentali għandu jipprevali fuq iċ-ċertezza tal-ġudikat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u wara li fliet l-atti tal-kawża, l-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juriha li tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Qorti sejra ssib li lanqas l-ewwel talba tiegħu ma tista' tintlaqa';

---

[43] Q.E.D.B. **25.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Ahmet Mete vs Turkija*** (Applik. Nru. 77649/01) §§ 26 – 7
[44] Ara Kost. **14.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Buġeja vs Avukat Ġenerali***

Illi minħabba f'hekk, ladarba t-tieni talba hija konsegwenzjali għas-suċċess fl-ewwel talba, t-tieni talba m'hijiex sejra tintlaqa' lanqas;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li l-intimat Ministru tal-Ġustizzja, Djalogu u Familja ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħilsu milli joqgħod fil-kawża;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-intimati l-oħrajn fil-mertu;

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrent billi ma weriex li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, meta ta l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija f'Settembru tal-2005 bla ma kien mgħejjun minn avukat; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------